



**Minuri f'kustodja fil-kuntest tas-sistema tal-kafala Alġerina minn ċittadin tal-Unjoni
ma jistax jitqies li huwa “dixxendent dirett” ta’ dan iċ-ċittadin**

*Madankollu, l-Istat Membru ta’ residenza ta’ dan iċ-ċittadin għandu jiffaċilita, wara evalwazzjoni, id-
dħul u r-residenza tal-minuri fit-territorju tiegħu*

Żewġ konjuġi ta’ nazzjonalità Franċiża, residenti fir-Renju Unit, talbu lill-awtoritajiet ta’ dan l-Istat Membru permess ta’ dħul għal wild adottiv, favur minuri Alġerina, li l-kustodja tagħha kienet ġiet fdata lilhom fl-Alġerija fil-kuntest tas-sistema tal-kafala, istituzzjoni tad-dritt tal-familja eżistenti f’ċerti pajjiżi ta’ tradizzjoni Iżlamika. L-awtoritajiet Brittaniċi rrifjutaw din it-talba, rifjut li kien suġġett ta’ rikors ġudizzjarju min-naħa tal-wild. F’dan il-kuntest, is-Supreme Court of the United Kingdom (il-Qorti Suprema tar-Renju Unit) essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-Direttiva dwar il-moviment liberu¹ tippermettix li l-minuri titqies li hija “dixxendent dirett” tal-persuni li jkunu laqgħuha għandhom taħt il-kafala Alġerina, ħaġa li tippermettilha tibbenefika mid-dritt ta’ dħul fir-Renju Unit.

Id-Direttiva tipprevedi żewġ possibbiltajiet, għal wild li ma huwiex ċittadin tal-Unjoni, li jidhul u li jirrisjedi fi Stat Membru flimkien mal-persuni li magħhom jgħix “ħajja familjari”. Fil-każ tad-dixxendenti diretti, dan id-dritt ta’ dħul u ta’ residenza huwa prattikament awtomatiku, filwaqt li, fir-rigward ta’ kull membru ieħor tal-familja li jkun dipendenti jew li jagħmel parti mill-ħajja tad-dar taċ-ċittadin tal-Unjoni li jibbenefika mid-dritt primarju ta’ residenza, ikun meħtieġ eżami minn qabel tas-sitwazzjoni għall-finijiet tal-għoti ta’ tali drittijiet.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett tikkonstata li l-kafala tikkostitwixxi, bis-saħħa tad-dritt Alġerin, l-impenn ta’ adult li jieħu karigu tal-manteniment, tal-edukazzjoni u tal-protezzjoni ta’ wild, l-istess bħal ma jagħmel ġenitur għall-wild tiegħu, u li jeżerċita t-tutela legali fuq dan il-wild. B’differenza mill-adozzjoni, li hija pprojbita mid-dritt Alġerin, it-tqegħid ta’ wild taħt kafala ma jagħtihx l-istatus ta’ werriet tat-tutur. Barra minn hekk, il-kafala tieqaf meta l-minuri jsir maġġorenni u tista’ tiġi rtirata fuq it-talba tal-ġenituri bijoloġiċi jew tat-tutur.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk il-kunċett ta’ “dixxendent dirett” ta’ ċittadin tal-Unjoni li jinsab fid-Direttiva dwar il-moviment liberu għandux jiġi interpretat fis-sens li jinkludi wild li jkun tqiegħed taħt it-tutela legali permanenti ta’ ċittadin jew ta’ ċittadini tal-Unjoni taħt il-kafala Alġerina.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tafferma, f’dan ir-rigward, li mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta’ ugwaljanza jirriżulta li, fin-nuqqas ta’ riferiment għal-liġijiet nazzjonali, il-kliem tad-Direttiva dwar il-moviment liberu għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi. Barra minn hekk, peress li d-Direttiva ma tinkludi ebda definizzjoni tal-kunċett ta’ “dixxendent dirett”, hemm lok, għall-interpretazzjoni ta’ dan il-kunċett, li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tad-dispożizzjoni inkwistjoni, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti.

¹ Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta’ l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta’ l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-kunċett ta' "dixxendent dirett" jirreferi komunement għall-eżistenza ta' rabta ta' filjazzjoni. Dan il-kunċett ta' "rabta ta' filjazzjoni" għandu jinftehem b'mod wiesa', b'mod li jkopri kull rabta ta' filjazzjoni, kemm jekk tkun ta' natura bijoloġika jew legali, u li l-kunċett ta' "dixxendent dirett" ta' ċittadin tal-Unjoni għandu, konsegwentement, jinftehem li jkopri kemm il-wild bijoloġiku kif ukoll il-wild adottiv ta' tali ċittadin, meta jiġi stabbilit li l-adozzjoni toħloq rabta ta' filjazzjoni legali bejn il-wild u ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, **peress li t-tqegħid ta' minuri taħt is-sistema tal-kafala Alġerina ma jgħallix rabta ta' filjazzjoni bejn il-wild u t-tutur tiegħu, wild imqiegħed taħt it-tutela legali ta' ċittadini tal-Unjoni skont din is-sistema ma jistax jitleqq li huwa "dixxendent dirett" ta' ċittadin tal-Unjoni.**

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li tali wild jaqta' taħt kunċett ieħor tad-Direttiva dwar il-moviment liberu, jiġifieri dak ta' "membru ieħor tal-familja". Fil-fatt, dan huwa ta' natura li jkopri s-sitwazzjoni ta' wild li jkun tqiegħed, ma' ċittadini tal-Unjoni, taħt sistema ta' tutela legali bħall-kafala Alġerina, u li ċ-ċittadini tagħha jiżguraw il-manteniment, l-edukazzjoni u l-protezzjoni, skont impenn meħud abbażi tad-dritt tal-pajjiż ta' oriġini tal-wild.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni, f'dan ir-rigward, li l-għan tad-Direttiva dwar il-moviment liberu jikkonsisti f'li "tinżamm l-unità tal-familja fis-sens l-aktar wiesgħa" billi jiġu ffaċilitati d-dħul u r-residenza ta' persuni li jkollhom rabtiet tal-familja mill-qrib u stabbli, minħabba ċirkustanzi fattwali speċifiċi, ma' ċittadini tal-Unjoni, bħal dipendenza ekonomika, appartenenza fil-ħajja tad-dar jew minħabba raġunijiet serji ta' saħħa.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni li l-Istati Membri għandhom għalhekk jipprevedu l-possibbiltà għall-"membri tal-familja fis-sens l-aktar wiesa'" li jiksibu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom ta' dħul li tkun fondata fuq eżami fil-fond tas-sitwazzjoni personali tagħhom, b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti differenti, u li, fil-każ ta' rifjut, tkun motivata. Minbarra dan, il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom għandu jiġi eżerċitat fid-dawl u b'osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja u l-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-wild.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jiffaċilitaw id-dħul u r-residenza ta' wild imqiegħed taħt it-tutela legali ta' ċittadini tal-Unjoni taħt is-sistema tal-kafala Alġerina bħala "membru ieħor tal-familja" ta' ċittadin tal-Unjoni, billi titwettagħ evalwazzjoni ekwilibrata u raġonevoli taċ-ċirkustanzi attwali u rilevanti kollha tal-każ, li tiegħu inkunsiderazzjoni l-interessi involuti differenti u, b'mod partikolari, l-aħjar interessi tal-wild ikkonċernat.** Din l-evalwazzjoni għandha wkoll tiegħu inkunsiderazzjoni riskji konkreti eventwali u individwalizzati li l-wild ikkonċernat ikun vittima ta' abbuż, ta' sfruttament jew ta' traffikar, fejn huwa mifhum li tali riskji, madankollu, ma jistgħux jiġu preżunti fir-rigward tal-fatt biss li l-proċedura ta' tqegħid taħt is-sistema tal-kafala Alġerina tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tal-kapaċità tal-adult u tal-interessi tal-wild li ssir inqas fil-fond mill-proċedura mwettqa, fl-Istat Membru ospitanti, għall-bżonnijiet ta' adożzjoni jew ta' tqegħid f'kustodja ta' wild.

Fil-każ li jiġi stabbilit, fit-tmiem din l-evalwazzjoni, li l-wild u t-tutur tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, huma intiżi li jkollhom ħajja familjari effettiva u li dan il-wild jiddependi mit-tutur tiegħu, ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja tal-familja, flimkien mal-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-wild, jeħtieġu, bħala prinċipju, l-għoti, lil dan il-wild, ta' dritt ta' dħul u ta' residenza sabiex ikun jista' jgħix mat-tutur tiegħu fl-Istat Membru ospitanti ta' dan tal-aħħar.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema identika.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355